# Id-djarju

| | |
|---|---|
| **It-Tnejn** | Qomt b'rasi tugagħni. Sibt li kelli d-deni. Ma mortx skola għax ħassejtni ma niflaħx. |
| **It-Tlieta** | Reġa' kelli d-deni. Ġie t-tabib u tani l-mistura biex jinżilli d-deni. |
| **L-Erbgħa** | Telagħli ħafna deni. Ħaduni l-isptar. |
| **Il-Ħamis** | Ħassejtni ftit aħjar. Kilt ftit. Ġew jarawni sħabi tal-klassi u ġabuli ftit frott u xi kotba. |
| **Il-Ġimgħa** | Qajmuni mis-sodda. Kilt il-frott li ġabuli sħabi lbieraħ. |
| **Is-Sibt** | Id-deni niżilli. Qgħadt naqra u nara t-televixin. |
| **Il-Ħadd** | Mort lura d-dar. Kemm ferħu bija ħuti ż-żgħar! |

**<u>Agħżel it-tajba</u>**

1. (L-Erbgħa, It-Tnejn, Is-Sibt) ħassejtni ma niflaħx l-ewwel darba.
2. It-tabib ġie (it-Tnejn, il-Ġimgħa, it-Tlieta).
3. Il-frott kiltu (l-Erbgħa, il-Ġimgħa, il-Ħadd).
4. Sħabi ġew jarawni (il-Ħamis, il-Ħadd, it-Tlieta).
5. (Is-Sibt, il-Ħadd, it-Tnejn) mort lura d-dar.

**<u>'Veru' jew 'Falz'?</u>**




1. Id-deni niżilli l-Erbgħa. __________
2. Il-Ġimgħa qajmuni mis-sodda. __________
3. L-Erbgħa ħaduni l-isptar. __________
4. Kien it-Tlieta meta ħassejtni ftit aħjar. ___
5. Is-Sibt qgħadt nara t-televixin. __________

Ferrante

# Il-ġranet tal-ġimgħa

## A. Agħżel it-tajba

1. It-Tnejn jiġi qabel (it-Tlieta, il-Ħadd, l-Erbgħa).
2. Il-Ġimgħa jiġi wara (t-Tlieta, l-Ħamis, s-Sibt).
3. Is-Sibt jiġi bejn il-Ġimgħa u (l-Ħamis, l-Erbgħa, l-Ħadd).
4. (Is-Sibt, It-Tnejn, L-Erbgħa) jiġi f'nofs il-ġimgħa.
5. (It-Tnejn, Is-Sibt, Il-Ġimgħa) jiġi wara l-Ħadd.



## B. X'tagħmel int f'dawn il-ġranet?

1. Il-Ħadd: ______________________________
2. It-Tnejn: ______________________________
3. It-Tlieta: ______________________________
4. L-Erbgħa: ______________________________
5. Il-Ħamis: ______________________________
6. Il-Ġimgħa: ______________________________
7. Is-Sibt: ______________________________

## Ċ. Diskussjoni




Ferran